A.L. 217 tal-2010

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2010 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Theology - B.A. (Hons) Theology – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74 (5) u 75 (6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teoloġija bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2010 biex jemendaw l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Theology – B.A. (Hons) Theology, u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mal-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għall-Grad ta' Bachelor of Arts (Honours) in Theology – B.A. (Hons) Theology - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teoloġija, ippubblikati bħala Avviż Legali 172 tal-2005, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "l-ordinamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2009 jew wara.

L-Emenda għall-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali

3. Minflok l-ordinament 3 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“L-Oqsma ta’ Studju

3. Il-Grad jingħata jew fit-Teoloġija bħala l-qasam ta’ studju prinċipali meħud waħdu bl-Unuri jew fit-Teoloġija bħala l-qasam ta’ studju prinċipali bl-Unuri flimkien ma’ qasam ta’ studju sussidjarju approvat mill-Bord.”

L-Emenda għall-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali

4. Minflok l-ordinament 6 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

“Il-Programm tal-Kors

6. (1) Il-programm ta’ studju fit-Teoloġija bħala l-qasam ta’ studju prinċipali meħud waħdu bl-Unuri għandu jikkonsisti minn dawn il-komponenti:

(a) taqsimiet studju fit-Teoloġija li għalihom hemm assenjati 130 kredtu, li minnhom 16–il kredtu huma assenjati għat-taqsimiet studju sinottiċi, u 10 kredti assenjati għal taqsima studju li tkopri Esej Twil; u

(b) taqsimiet studju fil-Filosofija u studji relatati li għalihom hemm assenjati mill-anqas 30 kredtu.

(2) Il-programm ta’ studju fit-Teoloġija bħala l-qasam ta’ studju prinċipali bl-Unuri flimkien ma’ qasam ta’ studju sussidjarju għandu jikkonsisti minn:

(a) taqsimiet studju fit-Teoloġija li għalihom hemm assenjati 120 kredtu; u

(b) taqsimiet studju fil-qasam ta’ studju sussidjarju li għalihom hemm assenjati 60 kredtu.”

Iż-Żieda tal-ordinament 8 mal-ordinamenti prinċipali

5. L-ordinament 8 li ġej għandu jiżdied wara l-ordinament 7 tal-ordinamenti prinċipali:

“**L-Esej Twil**

8. L-esej twil għandu jkun ta’ mhux anqas minn 10,000 kelma, u għandu jingħata sa Mejju tal-aħħar sena tal-Kors fuq bażi *full-time* u sa Mejju tar-raba’ sena tal-Kors fuq bażi *part-time*, sakemm li l-Bord, għal raġuni valida, ma jippermettix li jiġi mogħti aktar tard.”

6. L-ordinamenti 8 u 9 tal-ordinamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala l-ordinamenti 9 u 10.

It-Tħassir ta' l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

7. L-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jiġi mħassar.

8. L-ordinament 10 għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-ordinament 9.

L-Emenda għall-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali

9. Minflok l-ordinament 9 tal-ordinamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

9. L-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq minn kull student għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors li jingħataw piż skont il-kriterji li ġejjin:

Il-Kors fuq bażi ***full-time***

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	25%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju Sinottiċi tat-Tielet Sena	40%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju l-oħra tat-Tielet Sena	25%

Il-Kors fuq bażi ***part-time***

Il-Marka Medja tal-Ewwel u t-Tieni Sena	10%
Il-Marka Medja tat-Tielet u r-Raba' Sena	25%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju sinottiċi tal-Ħames Sena	40%
Il-Marka Medja għat-taqsimiet studju l-oħra tal-Ħames Sena	25%."